# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 1229/93 DS**

Mario Gatt
vs
Sammy Mejlaq Chairman ghan-nom u in rapprezentranza ta' Malta Drydocks, u b'nota tas-26 ta' Frar 1997 iddahhal Noel Zarb Adami minflok Sammy Meilaq bhala Chairman tal-Malta Drydocks

Illum, 25 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Settembru 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi L-attur waqt li kien qieghed fuq il-post tax-xoghol, il-Malta Drydocks korra fid-29 ta' Marzu 1991.

Illi dan l-incident gara b'tort u responsabilita' unika tat-Tarzna ta' Malta billi parti mill-makkinarju li kien inghata biex jahdem bih inqata u waqa fuq idejh.

Illi bhala konsegwenza ta' dan il-korriment l-attur sofra debilitazzjoni permanenti u konsegwentement sofra dannu billi ma ghadx ghandu l-istess kapacitajiet li kellu qabel.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut nomine huwa unikament responsabbli ghall-incident industrijali li sofra l-attur nhar id-19 ta' Marzu 1991 fuq xoghol il-Malta Drydocks.

2. tillikwida l-ammont lilu dovut permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna l-konvenut nomine jhallas lill-attur l-ammont li jigi hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru 1992, l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut nomine ma jahti bl-ebda mod ghall-incident indikat mill-attur u konsegwentement ma huwa responsabbli ghall-ebda danni konsegwenzjali li l-attur seta sofra b'rizultat.

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit u irrispettivament mill-kwistjoni tar-responsabbilita l-attur nomine, kien gie offert kumpens that il-Personal Accident Policy vigenti fil-Malta Drydocks pero' dan irrifjutaha, u ghalhekk il-konvenut nomine m'ghandux ibghati spejjez f'dawn il-proceduri.

3. Inoltre l-istess assigurazzjoni fuq talba tal-attur stess ghadha tinvestiga l-claim, u t-tabib taghha ghandu jerga jezamina lill-attur biex jara hemmx ragunijiet biex jirrevedi l-konkluzjonijiet attrici. Konsegwentement l-azzjoni odjerna hija wkoll intempestiva.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-28 ta' Frar 1994 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Dicembru 1996 fejn gie nominat il-kirurgu Mr. Carmel Apap Bologna bhala perit mediku biex jassisti lill-perit legali;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti gudizzjarji debitament mahlufa fit-22 ta' Frar 1999;

Rat id-digriet tat-2 ta' Marzu 1999 fejn, fuq talba tal-konvenut nomine, gew nominati bhala periti medici addizzjonali l-Professur Victor Griffiths, Mr. Charles Grixti u Mr. Ray Gatt;

Rat ir-relazzjoni taghhom debitament mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti, u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob li l-Malta Drydocks tinsab responsabbli ghall-incident li fih wegga' fid-19 ta' Marzu 1991 u ghalhekk li tigi kkundannata thallas dawk id-danni li jigu likwidati.

L-incident sehh fuq il-vapur GULF ATLANTIC meta l-attur u shabu kienu qeghdin itellghu *coolers* permezz ta' *chain-block* biex iwahhluhom fl-*engine room*. Kienu diga` wahhlu wiehed u qabdu t-tieni wiehed izda meta gew biex iwahhluh f'postu ghal xi raguni jew ohra wehel. L-attur xehed li x'hin wehel tela' fuq fallakka biex jara x'kien qieghed izomm u x'hin pogga idejh mal-*flang* biex ikun jista' jitla' aktar 'il fuq, wahda mic-*chain blocks* inqatghet u baqghet niezla fuq idejh qisha giljottina u qabditlu s-saba' l-kbir ta' idu x-xellugija. Jidher li l-*pin* li kien qed izomm ic-*chain-block* ingibed. Huwa ttiehed l-Isptar fejn operawh u nehewlu l-parti l-kbira ta' subghajh. Haddiem iehor, Francis Busuttil, spicca taht il-*cooler* u kellha tigi amputata siequ l-leminija.

Fir-relazzjoni rieghu l-perit legali jghid li diversi sentenzi, anke recenti, tal-Qrati enfasizzaw l-importanza u l-obbligu illi *employer* jipprovdi *a safe system of work* biex ma jigrux incidenti lill-haddiema tieghu. Naturalment l-incidenti jibqghu jigru dejjem specjalment f'postijiet tax-

xoghol bhat-Tarzna fejn jintuza makkinarju tqil u li min-natura stess hu perikoluz jekk ma jintuzax sew (vide per ezempju sentenza tal-Qorti ta' l-Appell – Galea vs Balzan 26 ta' Frar 1993).

Huwa kompla jghid li f'din il-kawza l-linja principali ta' difiza tal-konvenut nomine kienet li c-*chain-block* li kkawzat l-incident ma kenitx tat-Tarzna. Esprima l-fehma li l-provi li ressaq il-konvenut f'dan l-ambitu kienu konvincenti bizzejjed ghalkemm mhux car minn fejn giet ic-*chain-block*. Madanakollu jibqa' l-kwezit: ta' min hu t-tort jekk intuzat *chain-block* li ma makenitx proprjeta` tat-Tarzna? Jinkombi fuq l-istess konvenut nomine biex jehles lilu nniffsu minn din ir-responsabbilta`. Ma gie ppruvat bl-ebda mod li l-attur kellu x'jaqsam ma' l-uzu tal-ghodda in kwistjoni. L-incident kien wiehed sfortunat u seta' kien hemm xi kontributorjeta` da parti ta' xi nies ohra li kienu qed jahdmu fuq il-lant tax-xoghol, izda ma jirrizultax xi traskuragni ta' l-attur.

B'hekk ikkonkluda li l-azzjoni attrici hija gustifikata u t-talbiet tieghu ghandhom jigu akkolti.

Il-konvenut nomine kkritika l-konkluzjoni peritali u rrefera ghall-provi li ressaq li juru li c-*chain-block* ma kenitx tat-Tarzna, li t-Tarzna hija attrezzata biex tittestja c-*chain-blocks,* u li c-*chain-block* in kwistjoni ma kenitx wahda li kienet giet ittestjata u pprovduta minnha. Ighid fin-nota tieghu li c-*chain-block* in kwistjoni nhbiet wara l-incident, qatt ma dahlet ghat-tiswija, u li wara l-incident gie rappurtat li c-*chain-block* involuta kienet ohra (ZZ65). Ressaq diversi argumenti biex isostni t-tezi tieghu li l-*employer* ma jistax jitqies responsabbilta` assoluta, u rrefera ghall-pubblikazzjoni "The Law of Health & Safety at Work 1996/97" fejn jinghad li *"The standard of care which must be exercised by the employer is 'The care which an ordinary prudent employer would take in all the circumstances'".*

Il-Qorti hi tal-fehma li dak li tghid is-socjeta` konvenuta li c-*chain-block* inhbiet hija asserzjoni gratuwita. Minn imkien ma jirrizulta dan. Dak li jirrizulta hu li l-*pin* ma nstabx u mhux ic-*chain-block*. Joseph Camilleri, manager tal-haddieda, qal fl-affidavit tieghu li wara l-incident Joseph Dalli, li kien dak iz-zmien *safety officer* urieh c-*chain-block* indikat fir-ritratt numru wiehed (1) – dan huwa wiehed mir-ritratti esebiti minn Victor Forte. Zied ighid li kien Dalli li qallu li kienet iz-ZZ65 tal-hames tunnellati, izda hu merieh lil Dalli u qallu li t-Tarzna ma kellhomx *chain-block* dik il-kwalita` "hlief xi wahdiet li jkunu baqghu id-Dockyard minn ta' abbord". Altru mela milli nhbiet ic-*chain-block*, meta kien proprju l-addett ghas-sigurta` li ta l-indikazzjonijiet ta' liema kienet ic-*chain-block*

involuta. Stranament imbaghad l-istess xhud, nonostante li qal li kien hemm xi wahdiet id-Dockyard, qal ukoll li galadarba kkonkluda li c-*chain-block* li ra fir-ritratt ma kenitx taghhom ma dehrlux li kellu ghalfejn imur jara c-*chain-block* involuta fl-incident. Il-Qorti jidhrilha li l-prudenza kienet certament tiddetta li c-*chain-block* in kwistjoni u anke l-ohra bhalha li kienet qed tintuza fuq il-vapur jigu elevati u, jekk ma kinux ta' l-i*standard* rikjest mit-Tarzna, jitnehhew mill-uzu. Stranament ukoll il-Malta Drydocks ma pproducewx lill-imsemmi Joseph Dalli biex jixhed.

Jigi osservat li l-attur u shabu (li kienu qeghdin jahdmu *night-shift*) kienu qeghdin juzaw l-istess *chain-block* li kienet intuzat matul il-gurnata ta' qabel. U Joseph Bonnici, ic-*chargehand*, xehed li kienu ilhom jahdmu biha anke qabel. Qal ukoll li l-ghodda jmorru l-i*store* ghaliha izda dakinhar ic-*chain-block* kienet fil-post ghax hadmu wara haddiehor. Dan gie kkonfermat mill-attur li anke zied ighid li huwa l-imghallem li jiehu d-decizjoni liema *chain-block* juzaw.

Bhalma qal il-perit legali, mhuwiex car minn fejn giet ic-*chain-block* in kwistjoni izda l-Qorti, fic-cirkostanzi rizultanti, jidhrilha li kienet qed tintuza bil-*bene placitu* ta' min huwa nkarigat. *Providing a safe system of work* kien ifisser li jinghataw struzzjonijiet cari li l-haddiema huma projbiti milli juzaw ghodda li ma tkunx tat-Tarzna. Hawn kellna sitwazzjoni ta' bicca ghodda li kienet qed tintuza gurnata wara l-ohra u f'sitwazzjoni fejn wiehed mix-xhieda tal-Malta Drydocks stess afferma li jaf li kien hemm xi wahdiet jigru fid-Dockyard. Mela jekk kien jaf dan kien imissu ha l-inkarigu li jigborhom biex jittestjahom jew iwarrabhom. Jigifieri jekk thalliet tezisti din is-sitwazzjoni fejn ghodda mhux testjata kienet qed tithalla fuq il-post tax-xoghol, il-Malta Drydocks ma tistax tghid li ma setax jigi previst xi incident jekk tintuza tali ghodda mhux testjata.

F'dawn ic-cirkostanzi fejn l-incident gara minhabba difett jew hsara fl-ghodda uzata, u mehud kont tal-fatt li ma tirrizulta l-ebda kontributorjeta` da parti ta' l-attur, il-Malta Drydocks ghandha tinzamm responsabbli ghall-incident u ghad-danni rizultanti.

Ghaldaqstant il-Qorti se tghaddi biex tillikwida d-danni relattivi, kemm id-*damnum emergens* kif ukoll il-*lucrum cessans*.

In kwantu *damnum emergens*, ghandna kopja ta' rcevuta datata 19 ta' Novembru 1991 esebita mill-kirurgu Mr. Carmel Sciberras ghal Lm31 u li tirrizulta gustifikata.

In kwantu *lucrum cessans*, ghalkemm huwa minnu li l-attur ma tilifx l-impjieg tieghu, xorta jirrizulta li l-menomazzjoni tieghu ttelfu jew sahansitra ccahdu milli jaghmel dak ix-xoghol li seta' jaghmel qabel. Il-perit legali ghamel il-kalkoli relattivi fuq paga medja ta' Lm55 fil-gimgha, b'*multiplier* ta' tlettax-il sena u persentagg ta' dizabilita` ta' 10%.

Ghal dak li jirrigwarda l-persentagg ta' dizabilita` pero` l-periti addizzjonali ddecidew li dan il-persentagg ghandu jkun ta' hmistax fil-mija (15%). Ghalhekk il-Qorti se tadotta dan il-persentagg filwaqt li in kwantu l-*multiplier*, stante li kellu 48 sena meta gara l-incident, u kull ma baqaghlu ghall-pensjoni huma sentejn, taqbel li dan ghandu jkun ta' tlettax-il sena. In kwantu l-paga medja, mic-certifikat rilaxxat mill-Malta Drydocks datat 7 ta' April 1995 esebit fis-seduta peritali tal-15 ta' Mejju 1995, jirrizulta li fl-1 ta' Jannar 1991 l-paga tieghu kienet Lm55.38 fil-gimgha filwaqt li fl-1 ta' Jannar 1994 kienet ta' Lm63.77. F'dawn ic-cirkostanzi meta wiehed jikkonsidra z-zidiet li jinghataw minn sena ghal sena ghall-gholi tal-hajja u l-valur dejjem jonqos tal-munita, se tibbaza l-kalkoli taghha fuq dhul medju ta' Lm70 fil-gimgha, cioe` dhul annwu medju ta' Lm3640.

Mela l-*lucrum cessans* jinhadem hekk:

Lm3640 x 13 x 15% = Lm7,098.

Billi dalwaqt ikunu ghaddew hdax-il sena mid-data ta' l-incident, ghalkemm il-kawza giet intavolata fl-14 ta' Settembru 1993, il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandu jsir xi tnaqqis ghal *lump sum payment*.

It-total tad-danni huwa ghalhekk: Lm7,098 + Lm31 = **Lm7,129**.

Fil-mori tal-kawza l-Malta Drydocks hallset lill-attur bla ebda pregudizzju s-somma ta' Lm1,267.09 taht l-iskema tal-*Personal Accident*. Dan jirrizulta mill-ircevuta datata 19 ta' Dicembru 1997 li tindika li l-hlas sar bla ebda pregudizzju u a saldu tad-dritt ta' l-attur taht l-istess skema "u jkun akkont ta' kull somma li tista' tigi likwidata bhala danni biss jekk il-partijiet hekk jaqblu jew jekk l-awtorita` gudizzjarja hekk tiddetermina". Fil-fatt il-partijiet ma qablux dwar dan il-punt u ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi jekk l-ammont imsemmi ghandux jitnaqqas mid-danni hawn likwidati.

Il-Financial Controller tal-Malta Drydocks Lawrence Bilocca xehed li l-Malta Drydocks ghandha *Personal Accident Policy* li l-beneficcjarju

huwa l-Malta Drydocks. Il-procedura li tintuza normalment hi li min iwegga' jmur ghand il-Union u l-Union taghmel il-*claim*. F'dan il-kaz il-Union ghamlet il-*claim* mal-Malta Drydocks fit-3 ta' April 1991 u l-ghada x-xhud ghamel il-*claim* ma' l-*insurance*. F'Awissu 1992 ircieva certifikat mediku tal-kirurgu Mr. Carmel Sciberras li ghaddieh lill-*insurance*. F'Marzu 1995 billi l-attur baqa' ma accettax is-somma li giet offerta mill-Malta Drydocks, huwa ta *release* lill-*insurance*, u l-*insurance* hallsu s-somma lid-Drydocks. L-iskop ta' dan il-pagament huwa qisu li l-haddiem ikun qed jiehu *a payment on account* imbaghad sta ghall-Qorti li tiddeciedi ghandux jiehu aktar jew anqas.

Fid-dawl tax-xiehda ta' Lawrence Bilocca, tad-dokumenti minnu esibiti, u tal-fatt li l-ircevuta msemmija tad-19 ta' Dicembru 1997 tghid li l-pagament kien qieghed isir minghand il-Malta Drydocks taht l-iskema tal-*Personal Accident*, il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont imsemmi ta' Lm1267.09 ghandu jitnaqqas mis-somma likwidata hawn fuq in lineja ta' danni.

Is-somma li ghandha tithallas lill-attur hija ghalhekk ta' Lm7,129 – Lm1267.09 = Lm5861.91.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-Malta Drydocks u tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lil Malta Drydocks unikament responsabbli ghall-incident industrijali li sofra l-attur nhar-id 19 ta' Marzu 1991 meta kien fuq xoghol fil-Malta Drydocks,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm5861.91,
(3) tikkundanna lill-konvenut Malta Drydocks ihallas lill-attur din is-somma ta' Lm5861.91 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**